

Brussell, 28 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13405/19

LIMITE

FISC 408
ECOFIN 934
DIGIT 158

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Tassazzjoni diġitali – Sitwazzjoni attwali

1 Introduzzjoni

1. Bħala segwitu għad-dibattitu fil-Kunsill (ECOFIN) fis-17 ta' Mejju 2019 u bi tħejjija għad-diskussjonijiet fil-Kunsill (ECOFIN) fit-8 ta' Novembru 2019, il-Presidenza ħejjiet din in-nota li tiġbor fil-qosor il-ħidma li saret matul il-Presidenza attwali li tikkonċerna l-ħidma dwar it-taxxa fuq id-dħul internazzjonali tal-OECD fir-rigward tal-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija.
2. L-objettiv tal-Presidenza huwa li tistieden lill-Kunsill ECOFIN biex jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE kif ukoll it-triq 'il quddiem fil-kuntest tan-natura dinamika tal-ħidma tal-OECD.

2 Ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tal-OECD

3. Il-ħidma tal-OECD fuq l-ekonomija diġitali inizjalment bdiet madwar mistoqsijiet dwar jekk ir-regoli internazzjonali dwar it-taxxa fuq id-dħul għadhomx aġġornati għal kollox fl-ekonomija globali moderna fejn qed jitfaċċaw sorsi ġoddi ta' valuri u fejn id-distanzi fiżiċi qed jitilfu r-rilevanza tagħhom. Tqies importanti li jiġi evalwat jekk id-diġitalizzazzjoni iggravatx ir-riskji marbuta mal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS)¹. Barra minn hekk, tqies li l-bidliet li għabet id-diġitalizzazzjoni jitolbu li jiġu rieżaminati xi aspetti fundamentali tas-sistema tat-taxxa internazzjonali, aktar speċifikament ir-regoli li jikkonċernaw fejn għandu jkun hemm taxxi (nexus) u kemm għandu jkun hemm taxxi (l-allokazzjoni tal-profitt).
4. Il-programm ta' ħidma tal-OECD fuq it-tassazzjoni diġitali² ġie adottat fil-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS fil-laqgħa tiegħu ta' Mejju 2019. Ġie approvat mill-ministri tal-G20 fil-laqgħa tagħhom fid-9 ta' Ġunju 2019.
5. Il-ħidma li għaddejja biha l-OECD fuq il-kwistjonijiet tat-taxxa li ġejjin mill-ekonomija tad-diġitalizzazzjoni hi magħmula minn żewġ fergħat ta' ħidma: l-ewwel pilastru u t-tieni pilastru. L-ewwel pilastru jeżamina r-regoli dwar ir-riallokazzjoni tal-profitt u regoli riveduti dwar in-nexus. Dan ser jesplora soluzzjonijiet potenzjali biex jiġu determinati l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq ta' fejn għandha titħallas it-taxxa u liema porzjon tal-profitti għandu jiġi intaxxat f'dawn il-ġurisdizzjonijiet (ir-rabta u l-allokazzjoni tal-profitt). Id-direzzjoni primarja ta' din il-ħidma hija li jerġgħu jiġu allokati aktar drittijiet ta' tassazzjoni lill-ġurisdizzjoni tas-suq/l-utent.
6. It-tieni pilastru hu magħmul minn proposta globali kontra l-erożjoni tal-bażi. Dan ser jesplora t-tfassil ta' sistema li tiżgura li l-intrapriżi multinazzjonali – fl-ekonomija diġitali u lil hinn minnha – iħallsu livell minimu ta' taxxa. Dan il-pilastru huwa maħsub biex jindirizza l-kwistjonijiet li fadal dwar il-BEPS billi jipprovdi lill-pajjiżi b'għodod ġodda biex jiproteġu l-bażi tat-taxxa tagħhom minn trasferiment tal-profitt għal ġurisdizzjonijiet li jintaxxaw dan il-qligħ taħt ir-rata minima.

¹ Il-BEPS huwa proġett tal-OECD li jindirizza l-evitar tat-taxxa u għandu l-għan li jiżgura li l-profitti jiġu intaxxati fejn jitwettqu attivitajiet ekonomiċi li jiġġeneraw il-profitti u fejn jinħoloq valur u jikkonsisti minn 15-il Azzjoni. L-ewwel Azzjoni jismha "Sfidi tat-Taxxa Ġejjin mid-Diġitalizzazzjoni"

² Il-Programm ta' Ħidma tal-OECD biex jiżviluppa soluzzjoni ta' kunsens għall-isfidi tat-taxxa li ġejjin mid-diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija.

7. L-iskeda ġenerali tal-proġett kollu hija estremament ambizzjuża. L-għan tal-OECD huwa li jkun hemm qbil politiku dwar l-arkitettura fil-laqgħa tal-Qafas Inklużiv ta' Jannar 2020. Ir-rapport finali tal-OECD dwar il-proġett għandu jingħata sa tmiem l-2020.

3 Diskussjoni fi ħdan l-UE

8. Fil-laqgħa tal-ECOFIN fis-17 ta' Mejju 2019, il-ministri ddiskutew is-sitwazzjoni attwali tar-riformi attwali tat-taxxa internazzjonali. Huma vvalutaw possibbiltajiet għat-tnejn tan-negozjati fl-OECD u appoġġaw b'mod ġenerali t-tkomplija tad-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet fl-UE. L-għan tad-diskussjonijiet kien li jsir skambju ta' ideat dwar id-dokumenti tekniċi u l-għażliet diskussi fl-OECD, b'kont meħud tal-impatt fuq id-dħul mit-taxxa u n-negozji tal-Istati Membri u biex wieħed jara jekk jistgħux jiġu identifikati kwistjonijiet komuni għall-Istati Membri.
9. F'konformità mad-diskussjonijiet tal-ECOFIN tas-17 ta' Mejju 2019, is-suġġett ġie ttrattat fuq livell tekniċu. Taħt il-Presidenza attwali, saru sitt ċikli ta' diskussjoni: laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (tassazzjoni diġitali) (WPTQ) fit-18 ta' Lulju, il-11 ta' Ottubru u l-25 ta' Ottubru, il-laqgħa tal-Attachés Fiskali tal-25 ta' Settembru u l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tassazzjoni (HLWP) fit-12 ta' Lulju u t-28 ta' Ottubru 2019.
10. Matul id-diskussjonijiet, il-proposti tal-OECD ġew evalwati minn bosta naħat differenti. L-Istati Membri kollha jqisu d-diskussjonijiet tal-OECD bħala kwistjoni tal-ogħla prijorità. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jappoġġaw diskussjonijiet preparatorji fil-livell tal-UE. Xi Stati Membri kienu aktar inċerti. Fir-rigward tal-ewwel pilastru, tqajmu punti bħall-kamp ta' applikazzjoni tal-kontribwenti affettwati mir-regoli l-ġodda, eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni, kriterji ġodda ta' rabta. Fir-rigward tat-tieni pilastru, ħafna Stati Membri jqisu li huwa importanti li ssir analiżi f'waqtha tal-kompatibbiltà tal-liġi tal-UE tal-proposta tal-OECD, hekk kif jevolvu n-negozjati.
11. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tevalwa l-impatt ekonomiku tal-proposti tal-OECD. Minbarra l-ħidma tal-Kummissjoni, xi Stati Membri individwali ppreżentaw il-ħidma tagħhom s'issa fir-rigward tal-analiżi tal-impatt. L-analiżi tal-impatt teħtieġ li tiġi rfinuta aktar għax għall-Istati Membri dawn ikunu element essenzjali fl-għażliet politiki. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni kemm jista' jkun possibbli.

4 It-triq 'il quddiem

12. Il-Presidenza rriżervat il-laqgħat tal-WPTQ li għandhom isiru dwar dan is-suġġett wara l-ECOFIN. Il-Presidenza biħsiebha tkompli toffri pjattaforma għall-Istati Membri għal diskussjonijiet preparatorji. L-iskeda ta' żmien tal-OECD hija ambizzjuża ħafna u elementi differenti tal-possibilitajiet qed isiru aktar ċari biss gradwalment.
13. Kif deskritt hawn fuq, issa d-diskussjonijiet dwar l-ewwel pilastru u t-tieni pilastru issa saru fil-laqgħat tal-WPTQ u l-Attachés Fiskali, fejn punti ta' interess u tħassib differenti ġew espressi mill-Istati Membri. Minħabba s-sekwenzjar antiċipat tal-ħidma fl-OECD, il-ġimgħat li ġejjin ikunu l-mument opportun biex jiġu identifikati u definiti aktar il-kwistjonijiet u/jew tħassib li huma komuni għall-Istati Membri tal-UE. Ikun essenzjali li jsir progress fil-ħin fil-ħidma tal-Kunsill biex tinżamm il-possibbiltà li dawn il-pożizzjonijiet jimxu 'l quddiem fil-ħidma tal-OECD b'mod sinifikanti u f'waqtu.
14. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ECOFIN huwa mistieden biex jaqsam fehmiet dwar it-triq 'il quddiem proposta mill-Presidenza kif ġej:
 - a. Qabel tmiem is-sena, jeżamina s-sejbiet inizjali dwar il-kompatibbiltà tal-liġi tal-UE tas-soluzzjonijiet diskussi fil-livell tal-OECD, billi jibni fuq il-ħidma li saret mill-Kummissjoni dwar dan;
 - b. Il-ħidma fuq l-analiżi tal-impatt għandha tkompli bħala prijorità u għal dak il-għan l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni kemm jista' jkun possibbli;
 - c. Ċerti elementi diskussi fil-livell tal-OECD għandhom jiġu eżaminati fil-livell tal-UE sabiex jinstabu aspetti komuni għall-Istati Membri tal-UE;
 - d. Il-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill jenħtieġ li jiġu inkarigati bil-prijoritajiet imsemmija hawn fuq biex iwettqu l-ħidma taħt it-tmexxija tal-Presidenza.